MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 1/2013

Appell Nru: 1/2013

Il-Pulizja

(Spettur Saviour Baldacchino)

Vs

Emmanuele Magro

Illum , 30 ta'Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emmanuele Magro, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 910651M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-13 ta` Novembru, 2012, filghodu, f'dawn il-Gzejjer fl-inhawi ta` Gzira jew Sliema, ikkommetta serq ta` flus kontanti, ta` portafoll u ta` telefon cellularI *i-Phone* minn gewwa vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tar-registrazzjoni LCQ706 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c) u bix-xorti tal-haga misruqa ghad-deteriment ta` Lisa Darmanin Demajo u/jew ta` persuni ohra, bi ksur tal-Artikolu 267, 271 (g), 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U wkoll talli fl-istess cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat;

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, wara li kien ikkundannat f'Malta ghal-serq, kien fil-pussess ta` oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta` kont sodisfacenti ta` kif kienu gew legittimament ghandu u dan bi ksur ta` Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli fl-istess u cirkustanzi wara li sar jaf li l-oggetti li kien fil-pussess taghhom huma misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. Kif ukoll tallu fl-istess cirkustanzi, renda ruhu recediv b'diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qorti ta` Malta liema sentenzi huma decizi u ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula u dan bi ksur tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Dicembru, 2012, fejn il-Qorti Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 267,

271 (g), 280 (1), 287, 334 A, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghal-terminu ta` sena (1) prigunerija mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fil-31 ta' Dicembru, 2012 , li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq indikati tat-18 ta' Dicembru, 2012 billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt is-sentenza huwa null u bla effett stante li l-Ewwel Qorti ma fihiex motivazzjoni u b'hekk l-appellant ma jistax jintavola appell b'aggravji ta' sustanza ghaliex ma jafx kif l-Ewwel Qorti waslet ghal-konkluzzjoni taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-susespost l-esponent diga' inghata sentenza fuq l-istess fatti fejn instab hati u nghata sentenza sospiza quddiem il-Magistrat A. Micallef Trigona u b'hekk ghandha tinghat l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem.*

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) filghodu fl-inhawi tal-Gzira l-appellant ikkommetta serq ta' flus kontanti, ta' portafoll u ta' telephone cellulari minn gewwa karozza tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni LCQ706 ghad-detriment ta' Lisa Darmanin Demajo. B'verbal tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 30) l-appellant iddikjara illi qed jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u obbliga ruhu illi jikkonsenja l-mobile misruq lill-ispettur Saviour Baldacchino. Din l-ammissjoni

regghet giet ikkonfermata u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012). Dakinhar is-sentenza nghatat u l-appellant gie ikkundannat ghal sena prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi ma kinitx motivata u t-tieni illi kien digà gie ikkundannat darba ohra ghall-istess haga minn Qorti ohra.

Ikkunsidrat:

In vista tat-tieni aggravju tal-appellant il-Qorti tat opportunità sabiex igib il-prova necessarja u jesebixxi kopja formali tas-sentenza inkwistjoni. Minkejja din l-opportunità permezz tal-verbal tat-tnejn (2) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant iddikjara illi ma kienx f'pozizzjoni illi jipprovdi kopja tas-sentenza msemmija fil-verbal u ghalhekk il-Qorti taghtu opportunità jaghti x-xhieda tieghu dwar din il-kawza u kulma qal kien biss illi darba deher quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona fejn ikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena. L-appellant argumenta illi fin-nuqqas ta' kopja tas-sentenza allura x-xhieda tieghu kellha tkun l-ahjar prova fuq xhiex il-Qorti setghet tistrieh.

Ikkunsidrat:

Ovvjament dan l-argument ma jistax ireggi. Min jallega jrid jipprova. Dan japplika kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-Difiza bi gradi differenti tal-prova. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha il billi l-appellant xehed illi darba deher quddiem Magistrat iehor fuq serq ta' mobile ma jfissirx illi b'daqshekk ipprova, almenu sa grad ta'

probabilità illi qedin jirreferi ghall-istess kaz illi tieghu gie ikkundannat mertu ta' dan l-appell. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Rigward l-ewwel aggravju illi s-sentenza ma kinitx motivata, il-Qorti taghmel riferenza ghall-ammissjoni tal-istess appellant permezz tal-verbal tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012), f'liema kaz, allura, l-ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li tghaddi minnufih ghas-sentenza kif fil-fatt ghamlet u stante din l-ammissjoni ma kellhiex ghalfejn toqghod tidhol fid-dettal b'hafna argumenti dwar il-htija o meno tal-appellant. Kien bizzejjed ghall-ewwel Qorti illi ssemmi l-artikolu tal-ligi illi tahtu l-appellant kienet qed jinstab hati u l-fatti tal-kaz li liema fatti gew esposti fil-bidu tal-gudikat tramite l-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti imxiet b'mod korrett skont id-dispost tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u ma tistax tigi censurata fuq xi nuqqas ta' formalità sostanzjali. B'hekk qieghda tiddisponi mill-aggravji tal-appellant u konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------